IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.10.2021
COM(2021) 618 final

2021/0316 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/001 ES/País Vasco metal

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament tal-FEG).

2. Fil-25 ta' Ġunju 2021, Spanja ssottomettiet applikazzjoni EGF/2021/001 ES/País Vasco metal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji fis-settur ekonomiku kklassifikati skont id-diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir) fir-reġjun NUTS 2 ta' País Vasco (ES21) fi Spanja.

3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2021/001 ES/País Vasco metal
Stat Membru	Spanja
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS[2] 2)	País Vasco (ES21)
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	il-25 ta' Ġunju 2021
Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	it-28 ta' Ġunju 2021
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	id-9 ta' Lulju 2021
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	it-30 ta' Lulju 2021
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	it-8 ta' Ottubru 2021
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament tal-FEG
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati	6
Settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni NACE Reviżjoni 2)[3]	Diviżjoni 25 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir)
Perjodu ta' referenza (sitt xhur):	it-2 ta' Ġunju 2020 – it-2 ta' Diċembru 2020

[1] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56

[3] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	491
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	300
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	1 384 950
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[4] (EUR)	44 000
Baġit totali (EUR)	1 428 950
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	1 214 607

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fil-25 ta' Ġunju 2021, Spanja ssottomettiet l-applikazzjoni EGF/2021/001 ES/País Vasco metal fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG[5]. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fit-28 ta' Ġunju 2021 u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand Spanja fid-9 ta' Lulju 2021. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum ta' xogħol għall-wasla tal-applikazzjoni kompluta, li fi ħdanhom il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fit-8 ta' Ottubru 2021.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma' 491 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir), li minnhom, 192 matul is-sensji kollettivi ġew innotifikati lill-awtoritajiet. Is-sensji kollettivi jikkonċernaw total ta' 6 intrapriżi[6]. Is-sensjar kollu seħħ fir-reġjun NUTS 2 ta' País Vasco (ES21).

Kriterji ta' intervent

6. Spanja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament tal-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Kien hemm 491 ħaddiem issensjat fir-reġjun NUTS 2 ta' País Vasco (ES21).

7. Il-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur għall-applikazzjoni jibda mit-2 ta' Ġunju 2020 sat-2 ta' Diċembru 2020.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

8. Il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat kif ġej:

---

4 F'konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691.

5 Il-limitu ta' żmien ta' 12-il ġimgħa ġie sospiż bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-3 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

6 Auxiliar Troquelería SL, Calderería del Oria, Matricería Deusto, Mecanizados de la Industria Vasca SLU, Taller Mecanizado Pablo López Lacalle SL, Tratamientos Superficiales Iontech SA.

– 192 mid-data li fiha l-impjegatur, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE[7], innotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi ppjanati. Qabel id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, Spanja kkonfermat li dawn il-192 sensja fil-fatt kienu twettqu, u

– 299 mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur biex ikeċċi jew biex itemm il-kuntratt ta' impjieg tal-ħaddiem.

Benefiċjarji eliġibbli

9. Għaldaqstant, l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 491.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attivitajiet

10. L-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

11. Il-miżuri stretti tal-lockdown implimentati fi Spanja fi Q2 2020 irriżultaw fi tnaqqis fl-attivitajiet u fis-servizzi ekonomiċi mhux essenzjali , li laqtu b'mod gravi lis-settur tal-metall. Meta l-miżuri tal-lockdown ittaffew, kwistjonijiet oħrajn marbuta mal-pandemija, bħal nuqqas ta' provvisti u ta' materja prima, diffikultajiet biex il-faċilitajiet jiġu adattati għall-protokolli kontra l-COVID19, għall-kontaġji u għar-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-ħaddiema, jew għal kwistjonijiet ta' mobbiltà, affettwaw ukoll lis-settur tal-metall.

12. Skont id-*data* minn Confemetal[8], il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-attività u fuq il-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-metall, b'konsegwenzi negattivi fuq l-impjieg u fuq il-likwidità tal-intrapriżi (inadempjenzi fil-ħlas, aċċess għall-kreditu, eċċ.).

13. Fl-2020 (varjazzjoni minn sena għall-oħra), il-produzzjoni naqset b'aktar minn 50 % fi 18 % tal-intrapriżi tal-metall. Il-fatturat naqas b'aktar minn 50 % f'16 % tan-negozji. Terz mill-intrapriżi tal-metall esperjenzaw tnaqqis ta' bejn 30 % u 50 % kemm tal-produzzjoni kif ukoll tal-fatturat[9].

14. L-indiċijiet tal-produzzjoni, tal-fatturat u tal-prezzijiet għas-settur tal-prodotti tal-metall iffabbrikat naqsu sena wara sena fit-trimestri kollha fl-2020.

	2019				2020			
	Q1	Q2	Q3	Q4	Q1	Q2	Q3	Q4
Indiċi ta' produzzjoni (IPIMET)	6,4	4,5	1,9	3,6	-9,4	-32,9	-8,2	-2,7
Indiċi tal-fatturat tal-industrija tal-metall (ICNMET)	4,9	2,8	-0,7	1,6	-10,4	-34,5	-8,5	-3,9

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

[8] Confemetal hija l-Konfederazzjoni Spanjola tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozju tal-Metall, li tirrappreżenta lil madwar 220 000 intrapriża u lil aktar minn miljun u nofs ħaddiem.

[9] Rapport dwar l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 fuq is-settur tal-metall. Ottubru 2020- https://atra.gal/files/noticias/Archivos_3680.pdf

	2019				2020			
	Q1	Q2	Q3	Q4	Q1	Q2	Q3	Q4
Indiċi tal-Prezzijiet Industrijali (IPRIMET)	1,3	0,9	0,4	0,2	-0,3	-0,7	-0,5	0,2

Sors: Confemetal[10]

15. It-tnaqqis fl-attività u fil-fatturat irriżulta f'sensji. Minkejja l-użu estensiv ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar[11], is-sensji seħħew f'14 % tal-intrapriżi fis-settur tal-metall, u affettwaw 10,6 % tal-forza tax-xogħol tagħhom[12]. Is-sensji kkonċernati minn din l-applikazzjoni bdew fl-2020 Q2.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjieg

16. Fir-reġjun Bask, is-settur tal-prodotti tal-metall iffabbrikat jirrappreżenta 27,4 % tal-valur miżjud gross (GVA) tal-industrija. Il-piż relattiv tal-industrija fuq il-GVA reġjonali b'mod ġenerali huwa ta' madwar 24 %. Fil-livell nazzjonali, il-GVA tal-industrija jirrappreżenta 14,5 % tal-GVA[13], filwaqt li l-medja tal-EU-28 hija ta' 18,8 %[14].

17. Minħabba l-piż kbir tiegħu fl-ekonomija reġjonali, id-diffikultajiet fis-settur tal-prodotti tal-metall iffabbrikat kellhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali u fuq l-impjieg. Fil-bidu tal-2020, il-qgħad (sena wara sena) fis-settur kien qed jonqos. Madankollu, minn Marzu 2020, ix-xejra nbidlet drastikament, minħabba l-pandemija. F'Awwissu 2020, kien hemm 25 %[15] aktar persuni qiegħda minn sitt xhur qabel. Il-qerda tal-impjiegi fl-industrija kienet akbar milli fis-setturi l-oħrajn kollha flimkien.

10 Confemetal. Bullettin ta' kull xahar Nru 185 u Nru 197

11 L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ġew applikati minn 60 % tal-intrapriżi u nofs il-forza tax-xogħol tas-settur (56,71 %) kienet f'xogħol b'ħinijiet iqsar.


12 Rapport dwar l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 fuq is-settur tal-Metall. Ottubru 2020- https://atra.gal/files/noticias/Archivos_3680.pdf

13 https://es.statista.com/estadisticas/1220166/porcentaje-del-vab-total-en-espana-por-sector/

14 https://www.eustat.eus/elementos/El-32-del-VAB-industrial-esta-generado-por-sectores-de-nivel-tecnologico-alto-o-medio-alto-en-2019/not0018911_c.html

15 Avance de los datos del mercado laboral del año 2020 (*data* tas-suq tax-xogħol għall-2020).

Qgħad fir-reġjun Bask fl-2020
(sena wara sena)
(%)



Sors: Lanbide - Servicio Vasco de Empleo[16]

18. Għalkemm minn Jannar sa Mejju 2021, il-qgħad irreġistrat kien qed jonqos (6,21 %), xorta huwa 4,6 % ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija[17]. Barra minn hekk, l-irkupru ma huwiex ta' benefiċċju għall-gruppi kollha bl-istess mod. F'Mejju 2021, il-qgħad ta' terminu twil kien jirrappreżenta 55,6 % tal-qgħad totali (3,6 p.p. ogħla milli f'Jannar 2021) u l-persuni qiegħda b'edukazzjoni bażika jew anqas kienu jirrappreżentaw 60,8 % (1,1 p.p. ogħla milli f'Jannar).

Applikazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u għar-ristrutturar

19. Fl-applikazzjoni tagħha għall-appoġġ tal-FEG, Spanja ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u għar-ristrutturar. Spanja tenfasizza l-kunċetti ewlenin tal-Pjan ta' Taħriġ Vokazzjonali Bask, l-Istrateġija Baska għall-Impjieg u l-programm Impjiegi ekoloġiċi. L-Osservatorju tas-Sitwazzjoni Industrijali jissorvelja s-sitwazzjoni ekonomika. Il-HOBETUZ (il-Fondazzjoni Baska għat-Taħriġ Professjonali Kontinwu) toffri taħriġ għal persuni f'impjieg attiv, filwaqt li AukerabeRRi[18] huwa programm ġdid ta' rikollokament li tnieda fl-2021 bil-għan li jħarreġ mill-ġdid u jirrilloka lill-ħaddiema ssensjati minn setturi fi kriżi. It-tnejn huma integrati fl-istruttura ta' Lanbide (is-Servizz Pubbliku tal-Impjieg ta' País Vasco). L-involviment tas-sħab soċjali huwa żgurat mir-rappreżentanza tagħhom fil-bord ta' governanza ta' Lanbide, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-gvern reġjonali, tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

20. Fir-rigward tal-attivitajiet li diġà twettqu għall-għajnuna tal-ħaddiema ssensjati, Spanja indikat li Lanbide (is-Servizz Pubbliku tal-Impjieg ta' País Vasco) ipprovda

16 Avance de los datos del mercado laboral del año 2020 (*data* tas-suq tax-xogħol għall-2020).
17 Frar 2020.
18 https://www.lanbide.euskadi.eus/general/-/aukeraberri/

lill-ħaddiema b'aċċess għas-servizzi ġenerali tiegħu. Il-ħaddiema ġew infurmati wkoll dwar l-eliġibbiltà tagħhom li jipparteċipaw fil-programm pilota AukerabeRRi. Il-178 ħaddiem intitolati għall-pjanijiet ta' rikollokament[19] diġà lestew dawn il-pjanijiet.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

21. Spanja kkonfermat li l-miżuri li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

22. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn bħall-AukerabeRRii jew il-pjanijiet ta' rikollokament, imsemmija diġà.

Konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

23. Spanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. L-applikazzjoni, li ġiet diskussa qabel f'diversi laqgħat tekniċi, ġiet approvata mill-bord ta' governanza ta' Lanbide fil-laqgħa li saret fit-2 ta' Lulju 2021.

24. Saru laqgħat addizzjonali fid-19 ta' Jannar u fit-2 ta' Frar 2021 mal-Federación Vizcaína de Empresas del Metal, (il-federazzjoni tal-intrapriżi tal-metall tal-Biskalja), mal-Asociación de Empresas de Guipúzcoa - ADEGI (l-Assoċjazzjoni tan-negozju ta' Gupúzcoa) u mas-SEA-Empresas Alavesas (l-assoċjazzjonijiet tan-negozju ta' Alava). Dawn l-organizzazzjonijiet kollha tal-impjegaturi flimkien mal-assoċjazzjonijiet tal-gruppi rilevanti[20] kkontribwew għall-proposta.

Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti

Benefiċjarji fil-mira

25. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 300. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	265	(88,3 %)

[19] Il-pjanijiet ta' rikollokament huma obbligu legali għall-intrapriża li tkeċċi 50 ħaddiem jew aktar. Id-durata tagħhom hija ta' sitt xhur u jridu joffru għajnuna għat-tfittix ta' impjieg, gwida u taħriġ okkupazzjonali lill-ħaddiema. Il-178 ħaddiem issensjati f'Matricería Deusto kienu intitolati għal pjan ta' rikollokament.

[20] Eraikune (ragruppament tal-kostruzzjoni tal-Pajjiż Bask), laqgħa li saret fis-26 ta' Jannar 2021, GAIA (l-assoċjazzjoni tal-industriji tal-għarfien u tat-teknoloġiji applikati fil-Pajjiż Bask) u Aclima (raggruppament ambjentali tal-pajjiż Bask) laqgħat li saru fis-27 ta' Jannar 2021, ACICAE (grupp awtomobilistiku tal-pajjiż Bask), laqgħa li saret fit-28 ta' Jannar 2021, Clúster Energía (raggruppament tal-enerġija Bask), laqgħa li saret fit-2 ta' Frar 2021, AFM (raggruppament għall-manifattura avvanzata), laqgħa li saret fit-3 ta' Marzu 2021, u HEGAN (Grupp tal-ajruspazju Bask), laqgħa li saret fl-4 ta' Marzu 2021.

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
	Nisa:	35	(11,7 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	22	(7,3 %)
	bejn it-30 u l-54 sena:	216	(72,0 %)
	Aktar minn 54 sena:	62	(20,7 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew anqas[21]	107	(35,7 %)
	Edukazzjoni sekondarja[22] tat-tieni livell jew postsekondarja[23]	68	(22,6 %)
	Edukazzjoni terzjarja[24]	125	(41,7 %)

Miżuri proposti

26. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin:

– Sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali, merħba u tfassil ta' profili: Is-sessjoni ta' informazzjoni hija l-ewwel miżura li trid tiġi offruta lill-benefiċjarji kollha fil-mira u tinkludi informazzjoni ġenerali dwar konsulenza vokazzjonali, programmi ta' taħriġ u inċentivi disponibbli. Is-sessjonijiet ta' informazzjoni individwali jinkludu t-tfassil ta' profili tal-parteċipant u l-allokazzjoni tal-konsulent li se jakkumpanja lill-ħaddiem matul il-proċess lejn l-impjieg mill-ġdid.

– Il-gwida okkupazzjonali se tiġi pprovduta permezz ta' sessjonijiet kollettivi u individwali.

– L-għajnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieg, inklużi sessjonijiet ta' ħidma dwar proċessi ta' tfittix ta' impjieg u ta' reklutaġġ, it-tfittxija attiva għal opportunitajiet ta' impjieg lokali u reġjonali, u sabiex jinsabu impjiegi li jaqblu mal-ħiliet tal-ħaddiema.

[21] ISCED 0-2
[22] ISCED 3
[23] ISCED 4
[24] ISCED 5-8

– Appoġġ għall-ħolqien ta’ negozju: Il-ħaddiema interessati li jsiru persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu sessjonijiet individwali ta’ tutoraġġ u taħriġ, li jistgħu jkopru l-ippjanar, it-twettiq ta’ studji ta’ fattibbiltà, il-preparazzjoni ta’ pjanijiet ta’ negozju, jgħinu fl-identifikazzjoni ta’ possibbiltajiet ta’ finanzjament, eċċ.

– Kontribuzzjoni għall-bidu ta’ negozju: Il-ħaddiema li jibdew negozju jew attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni sa EUR 8 000, biex tgħinhom fil-kostijiet tal-istabbiliment tagħhom.

– Taħriġ: Dan se jinkludi **(1) taħriġ dwar kompetenzi ewlenin u orizzontali**, bħall-ħiliet diġitali, il-ġestjoni tal-kwalità, il-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali, eċċ.; **(2) it-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet vokazzjonali** — għal dawk li jagħżlu li jirridirezzjonaw il-karriera tagħhom barra mis-settur tal-metall —, bħal-loġistika, il-ġestjoni tal-imħażen, il-kostruzzjoni u l-effiċjenza enerġetika, l-industrija tal-ikel, l-immaniġġjar tal-iskart urban u industrijali, l-attivitajiet rikreazzjonali għall-anzjani, eċċ.; **(3) it-taħriġ għat-titjib fil-ħiliet vokazzjonali** biex jiġu indirizzati l-ħiliet meħtieġa fis-settur tal-metall bħall-assemblaġġ 3D tal-CAD[25] u l-immudellar tal-parts; Programmazzjoni tal-għodod bil-magna tas-CNC[26]; Disinn mekkaniku tal-CATIA[27]; forklifters, krejnijiet pont u pjattaformi tal-irfigħ; xogħol tal-metall b’folja fina u xogħol tal-kaldaruni; iwweldjar (b’ossiġenu u fjuwil, semiawtomatiku, TIG[28], eċċ.); immaxinjar permezz tat-tneħħija taċ-ċipep, immaxinjar bil-brix, immaxinjar ta’ deformazzjoni eċċ.; u **(4) Taħriġ fuq il-post tax-xogħol** imfassal għal postijiet tax-xogħol vakanti li ma għandhomx kandidati xierqa. Wara li jlesti t-taħriġ b’suċċess, il-ħaddiem inkwistjoni jiġi offrut kuntratt.

– Parteċipazzoni, tfittix ta’ impjieg u benefiċċji tat-taħriġ: Huwa previst benefiċċju ta’ parteċipazzjoni sa EUR 300 għal dawk li jipparteċipaw fis-sessjonijiet ta’ konsulenza individwali kollha stabbiliti fl-itinerarju personalizzat ta’ inserzjoni tagħhom. Il-ħaddiema li jipparteċipaw b’mod attiv fil-miżura “Għajnuna intensiva fit-tfittix ta’ impjieg” jew li jtemmu t-taħriġ jirċievu somma f’daqqa ta’ EUR 400.

27. Il-Miżuri kienu ppjanati li jkunu konformi mal-Istrateġija Spanjola dwar l-Ekonomija Ċirkolari[29]. It-taħriġ jikkontribwixxi biex jagħti spinta lill-proċess tat-trasformazzjoni diġitali fl-industrija. Il-konklużjonijiet tar-rapport DESI 2020[30] tqiesu biex jiġi stabbilit il-kontenut tat-taħriġ fil-ħiliet diġitali. Il-pakkett se jikkontribwixxi għat-tixrid tal-ħiliet orizzontali meħtieġa fl-era industrijali diġitali kif ukoll f’ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, f’konformità mal-Artikolu 7.2 tar-Regolament tal-FEG.

---

25 Disinjar permezz tal-kompjuter (CAD).

26 Il-Programmazzjoni tas-CNC (Programmazzjoni tal-Kontroll Numeriku tal-Kompjuter) jintuża mill-manifatturi biex joħolqu struzzjonijiet tal-programmi għall-kompjuters biex jikkontrollaw għodod b’magna.

27 CATIA (akronimu ta’ applikazzjoni interattiva tridimensjonali permezz tal-kompjuter) hija sett ta’ software b’diversi pjattaformi għad-disinjar permezz tal-kompjuter (CAD), il-manifattura permezz tal-kompjuter (CAM), l-inġinerija permezz tal-kompjuter (CAE), il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott (PLM) u t-3D.

28 Gass inerti tat-tungstenu.

29 https://www.miteco.gob.es/es/calidad-y-evaluacion-ambiental/temas/economia-circular/estrategia/

30 https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/desi

28. Il-pakkett koordinat propost ta’ servizzi personalizzati, deskritt hawnhekk, jikkostitwixxi miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan il-miżuri eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Is-servizzi proposti ma jissostitwixxux miżuri passivi ta’ protezzjoni soċjali.

29. Spanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma hijiex se tissostitwixxi miżuri bħal dawn.

Bagit stmat

30. Il-kostijiet totali stmati huma ta’ EUR 1 428 950, li jinkludu nefqa ta’ EUR 1 384 950 għal servizzi personalizzati u nefqa ta’ EUR 44 000 għal attivitajiet preparatorji, ta’ ġestjoni, ta’ informazzjoni u ta' pubbliċità, ta’ kontroll u ta’ rapportar.

31. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta’ EUR 1 214 607 (85 % tal-kostijiet totali).

32. Il-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn Lanbide, is-servizz pubbliku tal-impjieg Bask.

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant *(EUR)*[31]	Kostijiet totali stmati *(EUR)*[32]
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament tal-FEG)			
Informazzjoni ġenerali. Sessjonijiet ta' merħba u tfassil ta' profili (*Difusión y presentación del proyecto. Acogida)*	300	406	121 800
Gwida okkupazzjonali (*Asesoramiento y orientación laboral)*	300	455	136 500
Għajnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieg (*Apoyo a la búsqueda de empleo)*	280	750	210 000
Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju (*Apoyo a personas emprendedoras)*	20	1 838	36 750
Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju (*Ayuda al emprendimiento)*	10	8 000	80 000
Taħriġ (*Desarrollo profesional y prácticas en empresas)*	300	1 486	445 900
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	–		1 030 950 (74,44 %)
Benefiċċji u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Inċentivi (*Ayuda por la participación)*	300	1 180[33]	354 000
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:	–		354 000 (25,56 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitajiet preparatorji	–		3 000
2. Ġestjoni	–		3 000
3. Informazzjoni u pubbliċità	–		3 000

[31] Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.

[32] It-totali ma jaqblux minħabba l-ittondjar.

[33] Il-kost għal kull parteċipant għal din il-miżura huwa pprovdut biss għal skopijiet ta' preżentazzjoni. Il-kost għal kull parteċipant tal-inċentivi se jiddependi fuq is-sitwazzjoni individwali ta' kull ħaddiem u fuq l-eliġibbiltà tiegħu għat-tipi differenti ta' inċentivi.

4. Kontroll u rapportar	–	35 000
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:	–	44 000 (3,08 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	–	1 428 950
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)	–	1 214 607

33. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Spanja kkonfermat li dawn il-miżuri huma kondizzjonali fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitajiet ta' tfittix ta' impjieg jew ta' taħriġ.

34. Spanja kkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għall-impjieg indipendenti, għall-bidu tan-negozji u għall-akkwiżizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati ma humiex se jaqbżu l-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

35. Spanja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-11 ta' Ġunju 2021. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-11 ta' Ġunju 2021 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

36. Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Frar 2021. In-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Frar 2021 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

37. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jimmaniġġaw u li jikkontrollaw il-Fond Soċjali Ewropew Plus. Lanbide se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

38. Spanja pprovdiet l-assigurazzjonijiet neċessarji kollha rigward dawn li ġejjin:

- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
- ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
- l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq,
- kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

39. L-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[34].

40. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 214 607, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

41. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[35].

Atti relatati

42. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 214 607 għal-linja baġitarja rilevanti.

43. Fl-istess ħin li adottat din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju[36]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

---

34 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/11.

35 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29.

36 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.)

2021/0316 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/001 ES/País Vasco metal

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssenjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[37], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[38], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieg sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(2) L-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093[39].

(3) Fil-25 ta' Ġunju 2021, Spanja ssottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji ta' ħaddiema fis-settur ekonomiku kklassifikat skont il-klassifikazzjoni Statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")[40] Reviżjoni 2 Diviżjoni 25 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr għal makkinarju u tagħmir fil-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-

[37] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

[38] ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29

[39] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/11).

[40] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Istatistika ("NUTS")[41] livell 2 ir-reġjun ta' País Vasco (ES21) fi Spanja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 2021/691. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 214 607 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.

(5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 214 607 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[41] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56

* Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni f'Il-ĠU.